

# Xi ċentinarji u anniversarji ta' interess għal Ħal Lija fl-2013



Guido Lanfranco

## 1713 (300 sena ilu)

F'din is-sena u f'dik ta' warajha saret l-iskultura dekorattiva tal-artal ta' San Anton Abbati u ta' San Alfons M. de Liguori, xogħol fil-ġebel ta' Anton Zahra u Giovanni Maria Saliba.[1]

## 1813 (200 sena ilu)

Fuq id-daħla taċ-ċimiterju tar-raħal hemm is-sena '1813', is-sena tal-pesta. Ħdejn iċ-ċimiterju hemm riljiev fil-ġebel li juri lil Santu Rokku, protettur ta' żmien il-pesta.[2(2)]

F'din is-sena saret il-qanpiena l-kbira tal-knisja parrokkjali. Jgħidu li fiha hemm imħallat xi deheb għax il-benefatturi aktar bdew jaħsbu f'ruħhom milli fi flushom. Din kien fiha 30 qantar u saret minn Ferdinando Sebastian Leotta. Dan kien għamel qniepen oħrajn ta' daqs kbir, bħal tan-Nadur ġewwa Għawdex u tal-Karmnu tal-Belt Valletta. Fl-1947 il-qniepen ġew mibdulin ma' oħrajn ġodda tad-ditta Taylor.[3]

## 1863 (150 sena ilu)

L-istatwarju Karlu Darmanin ġie kkummissjonat biex jaħdem l-istatwa titulari tat-Trasfigurazzjoni.[4] Lestiha fl-1864 u swiet mitt lira. Għall-ewwel il-buzzett kellu sitt figuri u kellu jiċċekken.[5]

## 1913 (100 sena ilu)

Twaqqfet il-*Lija Dramatic Company*. Għall-ewwel kienet tiltaqa' fil-Każin San Piju X u wara kompliet fis-sala parrokkjali. Kienet ukoll tagħmel xogħlijiet tal-palk barra mir-raħal.[6]

Vinċenzo Curmi, minn Bormla, sar kappillan ta' Ħal Lija fejn dam sal-1921. Qabel kien kappillan ta' Ħad-Dingli. Kien hu li introduċa lis-Sorijiet Dumnikani f'Ħal Lija.[7]

F'din is-sena kien sar orgni ġdid. Kien żmien meta t-Tabib Andrea Zammit

mal-Kappillan Mattew Cortis ħadmu biex jagħmlu diversi opri ġodda fil-knisja, l-aktar biex jintużaw għall-festa tas-Salvatur.[8]

Għall-ħabta ta'dik is-sena kienet saret in-niċċa kbira fi Triq Annibale Preca. Titla' għaliha bit-taraġ. Fin-niċċa hemm riliev tal-ġebel li juri l-Annunzjata. L-Isqof kien taha indulġenzi għal min jitlob quddiemha.[9]

## 1938 (75 sena ilu)

F'Ġunju ta' din is-sena Margaret Lady Strickland xtrat Villa Parisio. Din il-villa kienet f'idejn nies magħrufa li daħħluha fi storja twila. Minnha għaddew diversi personalitajiet Maltin u barranin. Fl-1943 din il-villa xtratha Mabel Strickland.[10]

F'din is-sena ġiet iffurmata l-Azzjoni Kattolika f'Ħal Lija taħt l-isem ta' *St. Antida Thouret*. Wara żmien (fl-1956) ġiet imqajma mill-ġdid bl-isem ta' *Circolo Mater Salvatores*.[11]

## 1963 (50 sena Ilu)

Fit-3 ta' Settembru ta' din is-sena miet Dun Giuseppe Xerri. Kien twieled fl-1898, sar qassis fl-1924, u kien awtur ta' kitbiet devozzjonali.[12]

## 1988 (25 sena ilu)

Twaqqfet l-*Anti-Smoking Society* li fetħet *Anti-Smoking Clinics* f'Tas-Sliema, Ħaż-Żabbar, il-Belt Valletta, Birżebbuġa, Ħad-Dingli, is-Siġġiewi u Ħal Lija.[13]

Fid-29 ta' Novembru ta' din is-sena mietet Mabel Strickland ġewwa Villa Parisio, ir-residenza tagħha f'Ħal Lija. Kienet twieldet ġewwa Ħ'Attard u kienet magħrufa l-aktar bħala ġurnalista u politikanta. Difnuha fil-qabar tal-familja fil-Katidral tal-Imdina.[14]

**Referenzi**


1 Borg, Vincent, *Il-knisja parrokkjali, Ħal Lija* (Malta, 1982), p.56.

2 Terribile, Tony, *Niċeċ u statwi fit-toroq Maltin* (Malta, 2000), p.117.

3 Bianco, F.X. *Ħidma tal-Kappillan Dun Karm Lija ta' Villa Lija* (Malta, 1963), p.17. Castagna, P.P., *Lis storia ta Malta bil gzejer tahha* 2[ni] ediz., vol. I (Malta, 1888) u appendiċi (Malta, 1890); vol. II (Malta, 1890) pp.150, 171; Bonnici, Alexander, *In-Nadur,* vol. I (Malta, 1984) p.332; Guillaumier, Alfie. *Bliet u rħula Maltin*, vol. I (Malta, 2002) p.357.

4 Debono, John, ġo Fenech, Ġużepp, *Ħal Lija, ħarsa lejn l-imgħoddi* (Malta, 1994) p.43.

5 Lanfranco, Guido, *L-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom* (Malta, 1999), pp.18-19.

6 Azzopardi, Nazzareno, *Lija past and present* (Malta, 2006) p.79; Sciberras, Mark, ġo Schiavone, Michael (Ed.), *L-istorja tal-każini tal-baned f'Malta u Għawdex,* vol. II (Malta, 1997) p.198.

7 Mifsud, S. *Tifkira tal-festi solenni f'Ħal Lija* (Malta, 1932) p.34; Bonnici, Alexander, *Ħad*

*Dingli*, vol. II (2003) p.140; Azzopardi, p.44.

[8] Fenech, Dun Ġużepp, ġo Schiavone, Michael (Ed.), *Il-knejjes parrokkjali ta' Malta u Għawdex u l-festi tagħhom*, vol. II (Malta, 1993) p.38.

[9] Terribile, p.115.

[10] Manduca, John, 'Villa Parisio: a house with a history', *Treasures of Malta*, nru 34 (2005) p.40.

[11] Azzopardi, p.79.

[12] Schiavone, Michael, *Dictionary of Maltese biographies*, vol. II (Malta, 2009) p.1640.

[13] *The Times* (7.iv.1988).

[14] Schiavone, (2009) p.1507.

Gallarija Darmanin®

Darmanin® FOOTWEAR

TeamSporT

T&C CIAPPARA LTD

Construction & Demolition Works

Mobile 79423096/79515051



Mario Tanti
(Ta' Goma)

*Għal kull ġarr ta' ramel, żrar u materjal ieħor*

Mob: 9944 0105